MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 614/2011

**Alfred Falzon Sant Manduca ID 417542M ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Albert F.S Manduca Limited C 247**

**vs**

**Olivia Vassallo ID 303879M**
**Karl Vassallo ID 51382M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ hemm talba biex il-konvenuti jhallsu lis-Socjeta’ Attrici s-somma ta’ elf, mija tlieta u tmenin Ewro sitta u ghoxrin centezmi (€1,183.26c) bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lilhom.

**Ra** r-RISPOSTA formulata hekk:-

1. Preliminarjament, li l-konvenuti mhumhiex il-legittmi kontradditturi.
2. Preliminarjament ukoll, ghandha tigi msejjha fil-kawza s-socjeta’ Slow Food Catering Ltd ghax din hi s-socjeta’ kompetenti biex tirrispondi ghat-talbiet.
3. Il-konvenuti m’humhiex responsabbli ghall-hlas kollu pretis fit-TALBA.
4. Jekk hemm xi dejn dovut dan ghandu jithallas mis-Slow Food Catering Ltd.

**Ra** li b'degriet tal-1 ta' Novembru 2011 is-socjeta' Slow Food Catering Ltd giet imsejjha fil-kawza. Fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2012 gie verbalizzat kif gej:-;

> *Wara li sama x-xhieda ta' llum tal-Marixxal Joseph Schembri u l-Marixxall Ivan Spiteri Bianchi iqis li Slow Food Catering Ltd giet notifikata bit-talba tal-kjamata inkawza fid-data 20 ta' Jannar 2012 kif indikat fl-istess xhieda. Jirrizulta allura li Slow food Catering Ltd ma pprezentatx risposta fit-terminu ndikat fil-ligi.*

II PROVI

1. Joseph Aquilina, *Sales Manager* mas-socjeta' attrici qal li jaf lill-konvenuta ghax sa mill-2007 kienet tmur ghandhom ghall-ordnijiet tal-inbid. Kien ukoll jaf lill-konvenut u l-*account* kien f'isem it-tnejn. Esibixxa bhala Dok JA1-8 sett ta' *transactions* u *invoices* dwar l-ammont mitlub. Kienu jhallsu regolarment u kien biss fl-ahhar li qamet il-problema mertu tal-kawza. Il-firem fid-dokumenti esibiti huma jew ta' Ms Vassallo jew tas-seftura taghhom li kienet tiffirma ghall-konsenja.

2. Il-kontijiet dejjem hargu f'isem il-konvenuti u s-socjeta msejjha fil-kawza ssemmiet biss "wara li wehilna fil-payments".

3. In kontro-ezami qal li l-ittri BO fuq l-*invoices* ifissru Bocconci u nru 11 huwa n-numru ghall-istess *account*. Jaf li Bocconci huwa isem ta' ristorant go 75/76 Triq ir-Repubblika, Valletta ghalkemm l-konsenja ma kienetx issir minnu. Il-VAT *number* ikun jirrizulta mid-dettalji li jati l-klijent. Ma kienx hu li jigbor ic-cekkijiet.

4. Meta raga xehed wara verifika li ghamel qal li *invoices* gew imhallsa minn cekkijiet ta' Slow Food Catering Ltd. L-*invoices* inhargu fuq Olivia Vassallo u Carl Vassallo. **Qatt ma saret talba biex l-*invoices* jinhargu mod'iehor** (enfasi tat-TRIBUNAL).

5. Olivia Vassallo xehdet li qatt ma kitbu lis-socjeta' attrici biex l-*invoices* jinhargu fuq Slow Food Catering Ltd. L-intendiment izda kien li n-negozju sar ma din. Qalet li meta tkellmu ma Joseph Aquilina qalulu li l-VAT *number* li kien qed ituh kien ta' Slow Food Catering Limited.

6. Taqbel li l-*invoices* dejjem hargu fuq is-*sample* li jidher *a fol* 41. Kienu nfurmaw lis-socjeta' attrici li l-ordnijiet kienu qed isiru da parti ta' Slow Food Catering Ltd meta fl-ewwel ordni tawhom in-nru tal-VAT.

7. Slow Food Catering Ltd kienet inbieghet lil Bocconci SRL. Qabel din kellha sehem 50:50 mal-kumpanija l-ohra.

8. Il-konvenuti pprezentaw kopja ta' ftehim ta' kera markat Dok OV1 (*a fol* 56-70)

9. Mary Rose Borg qalet li hi kienet impjegata ta' Slow Foods Company Limited (2007/8), taghmel li jkun hemm bzonn u taghraf il-firma taghha fid-dokumenti *a fol* 44 u 46.

10. Jean Cauchi qal li kien awditur ta' Jean Pierre Muscat fis-snin 2006-8 meta kienu awdituri ta' Slow Food Company Limited. Hu kien jaghmel il-"field work" ta' din il-kumanija, fejn fost verifiki ohra kien jara li d-dokumentazzjoni turi korrettament id-dejn u l-assi tal-kumpanija ghas-sena li tkun. Skond ma vverifika hu s-socjeta' attrici fil-31 ta' Jannar 2008 kienu kredituri ta' Slow Food Company Ltd fl-ammont ta' €2,172.00c u fi Frar 2008 sar pagament ta' €988.00c.

11. In kontro-ezami qal li ma kienux iduru l-*invoices* wiehed wiehed. Fis-sena 2008 ma talabx biex jara xi *invoice* partikulari tas-socjeta' attrici.

III KONSIDERAZZJONIJIET

Wara li qies dak kollu migjub hawn fuq u wara li fela n-NOTA ta' OSSERVAZZJONIJIET prezentata minn kull naha, it-TRIBUNAL jikkunsidra kif gej:-

1. Li l-*quantum* imsemmi hu dovut mhemmx kwistjoni. Il-kontestazzjoni hi jekk il-konvenuti ghandhomx ihallsu proprio jew huma nnegozjawx f'isem il-kumpanija msejjha fil-kawza (u li ma ressqetx RISPOSTA) u allura d-debitrici hi din.

2. Hawn hu floku ezami tal-*invoices*. Dawn hargu kollha hekk:-

   Account Boo 11
   BOCCONCI
   Mr. Karl & Ms Olivia Vassallo
   75/76 Republic Street
   Valletta

3. Mela isem il-kumpanija Slow Food Company Limited ma jidher imkien. Joseph Aquilina ghas-socjeta' attrici jghid li Vassallo dejjem hallsu u l-inkwiet qam dan l-ahhar. Jidher li l-inkwiet qam meta din il-kumpanija giet akkwistata fl-intier taghha minn BOCCONCI SRL.

4. Naturalment is-socjeta' attrici kien jimpurtaha li tithallas u l-fatt li kienet tircievi cekkijiet ta' Slow Food Company Limited ma kienx jaghmel differenza ghaliha darba li l-istess jigu onorati.

5. Joseph Aquilina xehed li BOCCONCI kien isem ta' ristorant fil-Belt, imma hu kien ikellem lil Vassallo, l-iktar lil Ms Vassallo, b'ordni wara l-ohra tigi konsenjata u tithallas. Vera wkoll li huma tawh in-Nru tal-VAT tal-kumpanija

msemmija imma jidher li s-socjeta' attrici ghaliha kienet qed tinnegozja ma Vassallo u dawn f'ebda okkazjoni u oggezzjonaw ghax l-*invoices* kienu qed jinhargu fuq isimhom u bla ebda menzjoni ta' Slow Food Catering Ltd.

6. Il-konvenuti esibew "Lease Agreement" bejn Casa Rocca Picola u Slow Food Company Limited datat 2 ta' Ottubru 2006. Izda dan qatt rrafigura fin-negozju mertu tal-kawza. Ghas-socjeta' attrici jista jitqies *res inter alios acta*. Fuq dan l-att dehru Nicholas Depiro d'Amico Inguanez bhala "Lessor" u Sea Food Catering Ltd rapprezentata minn Michael Vassallo bhala "Lessee" u l-istess Michael Vassallo proprio bhala "Guarantor". F'dan kollu s-socjeta' attrici hi estraneja.

7. Ix-xhieda tal-awditur tas-socjeta' msejjha fil-kawza ma twassalna mkien ghax hu mexa fuq il-karti li kellu quddiemu u mhux f'pozizzjoni li jghid x'ghadda attwalment bejn il-kontendenti. Hu qatt ma kellem, ghax ma kellux ghalfejn, lil xihadd mis-socjeta' attrici.

8. Ghalkemm is-socjeta' msejjha fil-kawza ma ressqitx RISPOSTA il-kontumacja mhiex ammissjoni u xorta wahda jrid jirrizulta dak li qed tippretendi s-socjeta' attrici u dak li qed jippretendu l-konvenuti li jsostnu li ghad-dejn ghandha twiegeb is-socjeta' imsejjha fil-kawza li issa huma haslu jdhejhom minnha.

9. In definitiva it-TRIBUNAL ihoss li, anke fuq bazi ta' probabiltajiet, anke gwidat minn principji ta' ekwita' kif hu statutorjament obbligat li jqis, is-socjeta' attrici ppruvat dak li kellha tipprova u t-TALBA ghandha tigi milqugha.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti (2) jilqa t-TALBA attrici (3) jikkundanna lill-konvenuti jhallsu *in solidum* bejniethom lis-socjeta' attrici il-*quantum* mitlub ta' elf, mija, tlieta u tmenin Ewro sitta u ghoxrin centezmi (€1,183.26c) b'dana li dan l-ammont irid jithallas sat-2 ta' Gunju 2014 u jekk il-hlas ma jsirx fiz-zmien imsemmi jibda ghaddej imghax li jrid jithallas in solidum mill-konvenuti mis-26 ta' Awwissu 2011 (meta giet prezentata r-RISPOSTA tal-konvenuti) sal-jum tal-pagament effettiv u (4) jikkundanna lill-konvenuti jhallsu *in solidum* l-ispejjes l-ohra mitluba fl-AVVIZ kif ukoll l-ispejjes ta' dina l-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------